MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1539/2002

***Victor Chetcuti***
***Vs***
***William Ambrogio***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) rappresentanti kera dovuta lill-attur abbazi ta' kuntratt ta' kera, ghas-sena 2002, liema kera ghadha dovuta mill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat ma' l-avviz u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta r-risposta tieghu fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-attur Victor Chetcuti li kkonferma bil-gurament illi permezz ta' skrittura ta' lokazzjoni datata l-1

ta’ Jannar 2000, huwa kera l-fond Flat 1, Victoria Flats, Luqa Briffa Street, Naxxar lill-konvenut bir-rata ta’ Lm1560 fis-sena, liema kera ghandha tithallas kull sena bil-quddiem. Illi l-konvenut naqas li jhallas il-kera ghas-sena 2002 u ghalkemm huwa nterpella lill-konvenut diversi drabi, dana baqa’ inadempjenti. Inoltre kkonferma illi bil-prezenti avviz huwa qieghed jitlob il-hlas ta’ Lm1500 biss b’riserva ghal bilanc li jista’ jkun dovut lejh.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat ma’ l-avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**